II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1221

tal-1 ta' Ġunju 2018

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/35 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali regolatorji għat-titolizzazzjonijiet u titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati miżmuma mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 111(1)(c) u l-Artikolu 135(2) tagħha,

Billi:

(1) Suq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjona tajjeb jipprovdi sorsi addizzjonali ta' finanzjament għas-swieq kapitali, u b'hekk itejjeb il-kapaċità ta' finanzjament tal-ekonomija reali u jikkontribwixxi biex titlesta l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Barra minn hekk, suq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjona tajjeb jipprovdi opportunitajiet ta' investiment alternattivi għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, li jeħtieġu li jiddiversifikaw il-portafolli tagħhom f'ambjent ta' rendiment baxx. Bħala investituri istituzzjonali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jenħtieġ għalhekk li jiġu integrati b'mod sħiħ fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni.

(2) Biex jiġi żgurat irkupru sod tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni, ġie stabbilit qafas regolatorju ġdid għat-titolizzazzjoni, ibbażat fuq it-tagħlimiet miksuba matul il-kriżi finanzjarja. Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi l-elementi sostantivi ta' qafas tat-titolizzazzjoni komprensiv, bi kriterji għall-identifikazzjoni ta' titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati ("STS") u sistema ta' superviżjoni għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta ta' dawn il-kriterji mill-oriġinaturi, l-isponsors, l-emittenti u l-investituri istituzzjonali. Barra minn hekk, dak ir-Regolament jistipula sett ta' rekwiżiti komuni fir-rigward taż-żamma tar-riskji, id-diliġenza dovuta u l-iżvelar għas-setturi tas-servizzi finanzjarji kollha. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jemenda, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) sabiex jistipula reviżjoni tar-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti tal-investiment li joriġinaw jew jisponsorjaw titolizzazzjonijiet jew jinvestu fihom, b'mod partikolari rekwiżiti riveduti tal-kapital għal investimenti f'titolizzazzjonijiet STS.

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(3) Sa fejn il-qafas leġiżlattiv rivedut għat-titolizzazzjoni jirfes il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ([1]), huwa meħtieġ, sabiex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja u għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza, li l-qafas prudenzjali applikabbli għall-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni jiġi adattat.

(4) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jistabbilixxi definizzjonijiet ta' diversi kunċetti relatati mat-titolizzazzjoni. Peress li dan ir-Regolament japplika għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE huwa xieraq, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' kunċetti li huma definiti wkoll fir-Regolament (UE) 2017/2402, li ssir referenza fir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għad-definizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402. Għall-istess raġunijiet, sa fejn ir-rekwiżiti marbutin maż-żamma tar-riskju u d-diliġenza dovuta huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402 għall-investituri istituzzjonali kollha, dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jitħassru mir-Regolament Delegat (UE) 2015/35.

(5) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jistabbilixxi kriterji ta' kwalifika għal titolizzazzjonijiet STS sabiex tkun provduta definizzjoni armonizzata ta' prodotti ta' titolizzazzjoni ta' kwalità ogħla għas-swieq kapitali fl-Unjoni. Il-kategorija tal-assi tat-'titolizzazzjoni tat-tip 1' fir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 nħolqot biex jinkiseb għan simili għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, bi kriterji ta' kwalifika komparabbli. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-suq tat-titolizzazzjoni, id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kategorija tal-assi tat-'titolizzazzjoni tat-tip 1' jenħtieġ li jitħassru mir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 u minflok jenħtieġ li ssir referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar it-titolizzazzjoni STS stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/2402. Sabiex jiġi evitat li dawk l-emendi jwasslu għal effetti negattivi, jenħtieġ li jiġu stipulati miżuri tranżitorji fir-rigward ta' assi eżistenti li jiffurmaw parti mill-kategorija ta' 'titolizzazzjoni tat-tip 1'.

(6) Il-kalibrar tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà skont id-Direttiva 2009/138/KE huwa bbażat fuq ir-riskju u huwa maħsub biex jipprovdi l-inċentivi t-tajba bejn il-forom differenti ta' investimenti fit-titolizzazzjoni. Sabiex jinkiseb dak l-objettiv, il-livell ta' kalibrazzjoni u s-sensittività għar-riskju fost is-segmenti jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-karatteristiċi tat-titolizzazzjoni STS, u jenħtieġ ukoll li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti prudenzjali żviluppati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti tal-investiment. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 dwar il-kalibrazzjoni għat-"titolizzazzjoni tat-tip 1" jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'kalibrazzjoni iktar sensittiva għar-riskji għat-titolizzazzjoni STS li tkopri s-segmenti kollha possibbli li jissodisfaw ukoll rekwiżiti addizzjonali sabiex iġu mminimizzati r-riskji.

(7) Id-dħul fis-seħħ tal-qafas rivedut jenħtieġ li ma jaffettwax ħażin l-investimenti eżistenti fit-titolizzazzjoni, b'mod partikolari għal dawk l-investituri istituzzjonali li żammew xi investimenti minkejja l-kriżi finanzjarja. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali.

(8) Fid-dawl tad-dati ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2402 u tar-Regolament (UE) 2017/2401, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu f'dawk il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni, huwa importanti li jiġi żgurat li dan ir-Regolament jibda japplika fl-istess data, fl-1 ta' Jannar 2019.

(9) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/35

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti 18a u 18b li ġejjin:

"18a. 'titolizzazzjoni' tfisser tranżazzjoni jew skema kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 (*);

18b. "titolizzazzjoni STS" tfisser titolizzazzjoni klassifikata bħala "sempliċi, trasparenti u standardizzata" jew "STS" f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2402;";

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).";

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

(b) il-punt 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. 'pożizzjoni tat-titolizzazzjoni' tfisser pożizzjoni tat-titolizzazzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) 2017/2402;";

(c) jiddaħħal il-punt (19a) li ġej:

"19 a. 'pożizzjoni tat-titolizzazzjoni superjuri' tfisser pożizzjoni tat-titolizzazzjoni superjuri fis-sens tal-Artikolu 242(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (**);";

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)".

(d) Il-punti (20) sa (23) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"20. 'pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni' tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

21. 'oriġinatur' tfisser oriġinatur fit-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

22. 'sponsor' tfisser sponsor fit-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

23. 'segment' tfisser segment fit-tifsira tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2017/2402;";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'li ġej:

"6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, l-iskoperturi l-kbar jew dawk aktar kumplessi ta' impriża għandhom jinkludu l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif inhu msemmi fl-Artikolu 178(8) u (9) u l-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni.";

(3) L-Artikolu 177 huwa mħassar;

(4) L-Artikolu 178 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 178*

Tixrid tar-riskju fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni: kalkolu tar-rekwiżit kapitali

1. Ir-rekwiżit kapitali $SCR_{securitisation}$ għar-riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandu jkun daqs it-telf fil-fondi proprji bażiċi li jirriżulta minn tnaqqis relattiv f'daqqa ta' $stress_i$ fil-valur ta' kull pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*.

2. Il-fattur tar-riskju $stress_i$ għandu jiddependi fuq it-tul ta' żmien modifikat denominat fi snin (dur_i). dur_i ma għandux ikun inqas minn sena.

3. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS superjuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u t-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5	$b_i \cdot dur_i$	—	1,0 %	—	1,2 %	—	1,6 %	—	2,8 %	—	5,6 %	—	9,4 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	5,0 %	0,6 %	6,0 %	0,7 %	8,0 %	0,8 %	14,0 %	1,7 %	28,0 %	3,1 %	47,0 %	5,3 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	8,0 %	0,6 %	9,5 %	0,5 %	12,0 %	0,6 %	22,5 %	1,1 %	43,5 %	2,2 %	73,5 %	0,6 %

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	11,0 %	0,6 %	12,0 %	0,5 %	15,0 %	0,6 %	28,0 %	1,1 %	54,5 %	0,6 %	76,5 %	0,6 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	14,0 %	0,6 %	14,5 %	0,5 %	18,0 %	0,6 %	33,5 %	0,6 %	57,5 %	0,6 %	79,5 %	0,6 %

4. Pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni STS mhux superjuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-iskala tal-kwalità kreditizja u t-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja		0		1		2		3		4		5 u 6	
Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i	a_i	b_i
sa 5	$\min[b_i \cdot dur_i;1]$	—	2,8 %	—	3,4 %	—	4,6 %	—	7,9 %	—	15,8 %	—	26,7 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 5);1]$	14,0 %	1,6 %	17,0 %	1,9 %	23,0 %	2,3 %	39,5 %	4,7 %	79,0 %	8,8 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	22,0 %	1,6 %	26,5 %	1,5 %	34,5 %	1,6 %	63,0 %	3,2 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	30,0 %	1,6 %	34,0 %	1,5 %	42,5 %	1,6 %	79,0 %	3,2 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	38,0 %	1,6 %	41,5 %	1,5 %	50,5 %	1,6 %	95,0 %	1,6 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	0,0 %

5. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS superjuri li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata disponibbli għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont it-tul ta' żmien modifikat tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Tul ta' żmien (dur_i)	$stress_i$	a_i	b_i
sa 5	$b_i \cdot dur_i$	—	4,6 %
Iktar minn 5 u mhux aktar minn 10	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 5)$	23 %	2,5 %
Iktar minn 10 u mhux aktar minn 15	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 10)$	35,5 %	1,8 %
Iktar minn 15 u mhux aktar minn 20	$a_i + b_i \cdot (dur_i - 15)$	44,5 %	0,5 %
Iktar minn 20	$\min[a_i + b_i \cdot (dur_i - 20);1]$	47 %	0,5 %

6. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS mhux superjuri li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li għalihom ma hemmx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ekwivalenti għall-iskala 5 tal-kwalità kreditizja u skont it-tul ta' żmien tal-esponiment, kif stabbilit fit-tabella fil-paragrafu 3.

7. Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni li għalihom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata tkun disponibbli għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formola li ġejja:

$stress_i = \min(b_i \cdot dur_i; 1)$

fejn b_i għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja ta' pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
b_i	33 %	40 %	51 %	91 %	100 %	100 %	100 %

8. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex koperti mill-paragrafi 3 sa 7 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ugwali għall-formola li ġejja:

$stress_i = \min(b_i \cdot dur_i; 1)$

fejn b_i għandha tiġi assenjata skont l-iskala tal-kwalità kreditizja tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni *i*, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

Skala tal-kwalità kreditizja	0	1	2	3	4	5	6
b_i	12,5 %	13,4 %	16,6 %	19,7 %	82 %	100 %	100 %

9. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex koperti mill-paragrafi 3 sa 8, għandhom jiġu assenjati fattur tar-riskju $stress_i$ ta' 100 %.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu 178a li ġej:

"*Artikolu 178a*

Riskju tal-firxa fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni: dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(2) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikolu 178(3), anke fejn dawk it-titolizzazzjonijiet ma jkunux titolizzazzjonijiet STS li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss f'ċirkostanzi fejn skoperturi sottostanti ġodda jkunu ġew miżjuda jew sostitwiti wara l-31 ta' Diċembru 2018.

3. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel it-18 ta' Jannar 2015 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(4) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikoli 177 u 178 fil-verżjonijiet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018.

4. Minkejja l-Artikolu 178(3), titolizzazzjonijiet maħruġin qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont l-Artikolu 177(5) fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2025, jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ skont l-Artikoli 177 u 178 fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018.";

(6) l-Artikolu 180 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li huma kompletament, inkondizzjonalment u irrevokabbilment garantiti mill-Fond Ewropew tal-Investiment jew il-Bank Ewropew tal-Investiment, meta l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 215, għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 %.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 10 a li ġej:

"10 a. Minkejja l-paragrafu 10, titolizzazzjonijiet maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 li jikkwalifikaw bħala titolizzazzjonijiet tat-tip 1 skont il-paragrafu 10, fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2018 għandhom jiġu assenjati fattur ta' riskju $stress_i$ ta' 0 % ukoll fil-każ fejn dawn it-titolizzazzjonijiet ma jkunux titolizzazzjonijiet STS li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.";

(7) l-Artikoli 254, 255 u 256 huma mħassra;

(8) l-Artikolu 257 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jsiru jafu li l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jkunu naqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/2402, jew l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkunu saru jafu li ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1), (2) u (3) ta' dak ir-Regolament, għandhom jgħarrfu lill-awtorità superviżorja minnufih.

2. Meta r-rekwiżiti fl-Artikolu 5(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 ma jkunux issodisfati bi kwalunkwe mod minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, l-awtorità superviżorja għandha timponi żieda proporzjonata mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvibbiltà skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.";

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-fatturi ta' riskju għandhom jiġu miżjuda b'mod progressiv ma' kull ksur sussegwenti tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

5. Meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jonqsu milli jikkonformaw ma' xi rekwiżit stipulat fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402, minħabba n-negliġenza jew l-omissjoni tagħhom, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jivvalutaw jekk dak in-nuqqas jenħtieġx li jitqies bħala devjazzjoni importanti mis-sistema ta' governanza tal-impriża kif imsemmi fl-Artikolu 37(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER